**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU S-SEBGĦA U ERBGĦIN 23ta' JANNAR, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **47.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 47.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Tiffany Ann Farrugia nfurmat li ma tistax tattendi minħabba kors li qed tattendi. Il-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard u s-Sur Joseph DÁmato infurmaw li ma setgħux jattendu għax jinsabu morda Dok 1. L-appoloġiji ġew milqugħa. |
| | | |
| **47.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 47.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 46.4.3 il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa lis-Sindku jekk għandux xi aġġornament fuq il-każ. Is-Sindku qal li l-gate ser issir żgur u mhux mill-Kunsill. |
| | | |
| 47.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitta u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***47.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| | | |
| 47.3.1 | | Is-Sindku qal li ntlaħaq ftehim mad-Direttur tad-Direttorat tal-Cleansing Department biex jibdew jitħaddmu żewġ persuni fil-ġnien tal-Ġibjun fuq bażi ta' day in day out. L-attendenza tagħhom ser tkun Mit-Tnejn sal-Ħadd – Xitwa mis-8:00 – 20:00 u fis-Sajf mis-6:00 -18:00. Dawn il-persuni ser jieħdu ħsieb l-indafa tal-ġnien kollu inkluż l-apparat tal-logħob tat-tfal u tindif u ftuħ u għeluq tal-letrina. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Dan il-ftehim intlaħaq wara l-għajnuna li ta l-Kunsillier Kenneth Farrugia. |
| | | |
| 47.3.3 | | Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-kunsillier Kenneth Farrugia biex jagħmel laqgħa mal-kuntratturi tal-knis u tal-ġbir tal-iskart. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 47.3.4 | | Is-Sindku qal li meta l-Kunsill tella l-kunċert għalkemm hu kien imsiefer, kellu feedback tajba. Kien hemm qbil li l-armar tal-milied fi Vjal il-Blue Grotto u s-siġra fil-misraħ kienu sbieħ ħafna.<br>Kien hemm qbil li tinkiteb ittra liż-żewġ għaqdiet biex il-Kunsill jara jekk iridux li dejjem jarmaw l-istess post bil-prezzijiet ta'din is-sena. |
| | | |
| | | |
| ***47.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 47.4.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla semma li l-Kunsill irċieva email mingħand Transport Malta biex l-isqaq ta' bejn Vjal l-Indipendenza u Triq Matteolo Saliba titneħħielu l-bollard u titpoġġa parking bay fih,ħalli tkun tista tipparkja l-familja li għandha d-dar fl-isqaq**. Dok 6** mehmuż.<br>Il-kunsill ħa deċiżjoni finali li jsiru tabelli tan-*no entry* għal dan l-isqaq u li ma titneħħiex il-bollard li hemm eżistenti. |
| | | |
| 47.4.2 | | Il-kunsillier Kenneth Farrugia irringrazzja lill-Kunsill għas-solidarjeta li wera miegħu l-Kunsill fis-sitwazzjoni li kien fiha ftit ġranet ilu. |
| | | |
| 47.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex issemmi l-kwistjoni tal-kuntrattur tal-bankini li qed idum wisq biex jagħmel biċċa xogħol fiż-Żurrieq. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li tali kuntrattur ġie avżat darbtejn permezz ta' emails li l-Kunsikll kien ser jieħu passi urterjuri jekk ma jlestix ix-xogħol li għandu pendenti. Dan il-kuntrattur għandu lista ta' bankini li ilhom xhur ordanti u s'issa għadhom ma sarux, bil-konsegwenza li jinsabu ta' periklu għal min jgħaddi minn fuqhom.<br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jiġbor il-bankini urġenti u jgħati x-xogħol lill-kuntattur ieħor u jenfasizza li x-xogħol irid ikun lest f'ġimgħa. Kienhemm qbil li jkun avviċinat il-kuntrattur preċedenti s-Sur John Fenech. L-ewwel ordni ta' bankina għandha tkun dik ta' Vjal il-Blue Grotto fejn kien hemm inċident ta' mara li waqgħet fiha u weġġgħet. U l-bankina li trid issir fi trejqa viċin il-grawnd tal-football, minħabba il-periklu tat-tfal. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***47.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **47.5a** | | **Pjan ta' Ħidma 2019-2021** |
| | | |
| | | Tressaq il-pjan ta' ħidma, ġie diskuss u approvat biex jintbagħat lid-Dipartiment. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **47.5b** | | **Rapport Finanzjarju ta' kull kwart- L-aħħar kwart Ott-Diċ 2018** |
| | | |
| | | Tressaq ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2018. Ġie approvat biex jintbagħat lid-Dipartiment. |
| | | |
| **47.5c** | | **Performance Appraisal Reports tal-Impjegati u tas-Segretaru Eżekuttiv** |
| | | |
| | | Ġew imressqa l-performance appraisal reports tal-impjegati u tas-Segretarju Eżekuttiv. Kollha ġew approvati biex jingħatw l-għola persentaġġ. **Dok 2 mehmuż.** Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lil kulħadd. |
| | | |
| **47.5d** | | **Leave fit-tul ta' impjegata tal-Kunsill** |
| | | |
| | | Is-Segretarju qrat ittra iffirmata minn waħda mill-impjegati tal-Kunsill, fejn qed titlob li wara l-leave tal-maternita, testendi il-leave unpaid sal-aħħar ta-sena. Dan il-leave ser jibda mill-ewwel ġurnata ta' April.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed titlob għal-impjegat/a mill-community workers scheme. Jekk ma jkollix risposta pożittiva titlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex toħroġ għal sejħa ta' impjegat back to back. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***47.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| ***47.6A*** | | ***Infurzar fil-lokalita' – Ser ikun preżenti l-ispettur tal-pulizija Roderick Attard*** |
| | | |
| 47.6A1 | | Is-Sindku laqa lill-ispettur il-ġdid tal-għassa taż-Żurrieq is-Sur Roderick Attard fis-seduta. Tqajmu l-ilmenti li hawn fiż-Żurrieq fosthom:<br>• parkeġġ ħażin fil-Misraħ ir-Repubbblika, fejn il-ħwienet ta' Vjal il-Blue Grotto.<br><br>L-ispettur qal li qed isiru *road checks* fi Vjal il-Blue Grotto u qed isiru patrol bil-mixi fit-toroq tar-raħal.<br>Kien hemm qbil li terġa tinkiteb ittra lill-Onorevoli Michael Farrugia fuq il-berġa li hemm mal-għassa taż-Żurrieq, biex tinfetaħ fl-immedjat. Din l-ittra għandha tkun ikkupjata lill-Kummissarju tal-pulizija. Tali berġa kull ma jonqosha hi li tkun installata arja kkundizjonata u amara.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici semma kemm iż-Żurrieq għandu bżonn aktar pulizija fil-lokalita' minħabba l-ammont ta' nies li qed jiġu joqgħodu fiż-Żurrieq.<br>Is-Sindku xtaq li din il-laqgħa tibqa ssir tal-inqas kull xahrejn biex jinżamm komunikat tajjeb bejn il-Kunsill u l-pulizija. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***47.6B. 6B1*** | | ***Ħruġ ta' Sejħa għall-offerti:<br>Hortocultural works at Public Gardens and Upkeep and Maintenance of Soft Areas*** |
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-18 ta' Jannar, 2019 infetħet l-offerta u kien hemm dawn l-offernti: Progressive Solutions Ltd – 32,250Euro |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier inkarigat is-Sur David Abdilla qal li l-prezz mil-kuntratt preċedenti żdied għal aktar minn 16,000Euro u jipretendi li x-xogħol u s-servizz ikun ħafna aħjar. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur u tinġibed din l-attenzjoni qabel jiġi iffirmat il-kuntratt miegħu. |
| | | |
| ***47.6B. 2*** | | ***Ħruġ ta' offerta għal xogħol taħt miżura 4.*** |
| | | Ġie imfassal tender għal xogħol taħt il-miżura 4. Kien hemm qbil li tinħareġ l-offerta. |
| | | |
| ***47.6.C*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 47.6C1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti imressqa mir-residenti:<br>• Fi Triq il-Kbira saru 'u' bars u r-residenti jridu li fin-nofs tal-'u' bar issir pjanċa għax is-sensors tal-vetturi mhux iħossu l-'u' bar u qed jagħmlu ħsara lill-vetturi meta jsuqu bir-reverse. Kien hemm qbil fuq dan u jsir reklam fuqhom.<br>• Bħalissa qed issir blokka bini fi Triq Leli Camilleri k/m Triq is-Sajjieda u minħabba li saret bankina temporanja, t-triq djieqet. Ġie ssuġġerit biex temporanjament Triq Leli Camilleri issir one way titla biss minn Triq is-Sajjieda. Kien hemm qbil fuq dan u li tintalab l-approvazzjoni ta' transport.<br>• Il-contract manager tal-ġonna u soft areas issuġġerixxa biex ir-roundabout il-ġdida fi Vjal ix-Xarolla issir skont l-isketch li għamel. Dok 4 mehmuż. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill irċieva rapport mingħand resident li qal li waqt li kien qed isuq il-mutur tiegħu fi Triq il-Barrieri, żelaq fuq terrapien li kien hemm fit-triq, b'konsegwenza li għamel ħsara lill-mutur tiegħu fuq in-naħa tal-lemin. Ir-resident qed jitlob kumpens tad-danni li ġarrab fuq il-mutur. **Dok 5 mehmuż.** Ma kienx hemm qbil li l-kunsill jikkumpensa għad-danni għax il-Kunsill ma jara li hemm l-ebda assoċjazzjoni mal-każ. Galadarba l-Kunsill ma jafx min ħalla il-materjal mal-art. Il-pulizija għandha tara jekk fil-viċinanzi hemmx xi cctv biex tara min għamel ir-ramel fit-triq u tipproċedi.<br>• L-arblu tal-Kunsill li kien imwaħħal fejn ir-roundabout ta' Triq il-Belt Valletta k/m Vjal ix-Xarolla, tmermer u ma jistax jissewwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġabret stima mingħand ħaddid u arblu tal-ħadid ta' 33pied ser jiġi jiswa 400Euro bil-Vat inkluża. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***47.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |
| 47.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 55 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***47.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 47.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk Numru 87 u 88. |
| | | |
| | | |
| ***47.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 47.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta' **€46,294.66**.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier David Abdilla.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-uffiċini. L-overtime li jista jkun hemm ikun dak urġenti biss. |
| | | |
| ***46.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 46.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _27_____ ta' FRAR, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**